# FIT-TRIBUNAL TA' REVIŻJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
16 SEP 2021
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

**Wara l-Avviż bin-numru ta' Riferenza EC/00084/21**

**Angelo Bilocca** (K.I nru. 556978(M))

**vs**

**Awtorità tal-Ippjanar**

---

**Appell min avviż skont l-artikoli 95, 97, u 100 tal-Att VII tal-2016 dwar l-Ippjanar u Żvilupp - Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq rigward Proprjetà Skedata, maħruġ fid-9 ta' Lulju 2021.**

---

**RIKORS TAL-APPELL** ta' Angelo Bilocca

Jesponi bir-rispett ILLI:

1. Fil-31 ta' Awwissu 2021, l-esponenti ġie notifikat bl-istess avviż li jittratta l-istess infurzar fuq żvilupp ġewwa s-sit San Niklaw Farm, Triq Lapsi, Siġġiewi (**Dok. 'A'**).

2. L-avviż jgħid illi fis-sit *de quo* sar ksur ta' kontroll tal-ippjanar li jikkonsisti "*minn twaqqiegħ ta' strutturi pre-78, bini ta' ħitan madwar bil-kantun kif ukoll depożitu ta' materjal ta' kostruzzjoni u ħamrija. Dan kollu fuq art skedata Grad 2 skont Notifikazzjoni tal-Gvern numru 022/12.*"

3. L-esponenti qiegħed iressaq dan l-umili appell min dan l-avviż, 'l għaliex fil-fehma tiegħu dabn huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u hemm lok sabiex id-deċiżjoni kontenuta fl-istess avviż tiġi revokata fl-intir tagħha.

**L-Aggravji**

4. L-esponenti jirrileva li, l-avviż *de quo* mhux għal kollox korrett, speċjalment fejn jitħol il-ħatt ta' bini allegatament datat qabel s-sena 1978.

5. Apparti minn dan, l-esponenti jirrileva li l-istrutturi li ġew hekk imħotta kienu ta' perikolu imminenti li jaqgħu, u kellhom jiġu salvagwardati bl-intervent immedjat tal-esponenti stess.

6. L-esponenti jgħid ukoll li s-sit in kwistjoni jappartjeni lill-Gvern ta' Malta u mhux lilu; *di piu* l-esponenti beda' applikazzjoni sabiex jissana it-tibdil li seħħ fis-sit. Din l-applikazzjoni, in vista tal-proċeduri ta' żvilupp fejn tidħol art illi hija tal-Gvern ġiet primarjament intavolata mal-Awtorità tal-Artijiet (**Dok. 'B'**).

**Għaldaqstant u in vista tas-suespost u filwaqt li l-esponenti jirriserva li jressaq raġunijiet, provi u sottomissjonijiet verjuri skont il-każ, l-appellanti umilment jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jilqa' l-appell tiegħu u dan billi jħassar u jirrevoka l-avviż biex tieqaf u twettaq maħruġ fid-9 ta' Lulju 2021, bl-ispejjeż kontra l-Awtorità Appellata.**

Lista ta' Dokumenti

**Dok. 'A'** – Avviż datat 9 ta' Lulju 2021 (rif. EC 00084/21).

**Dok. 'B'** – applikazzjoni datata 10 ta' Settembru 2021 (rif. GLA/2021/1560.

**Avukat Mary Rose Micallef**
8, Victoria Buildings,
First Floor, Triq l-Għenieq, Naxxar
maryrose@abalegale.eu